



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.5.2014
COM(2014) 267 final

2014/0139 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-proposti għal emendi tal-Appendiċi tal-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni tal-ispeċijiet migratorji ta' annimali selvaġġi fil-kuntest tal-ħdax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. L-għan tal-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni tal-ispeċijiet migratorji tal-annimali selvaġġi (magħrufa wkoll bħala s-CMS jew il-Konvenzjoni ta' Bonn) hu li jiġu kkonservati l-ispeċijiet migratorji tal-art, tal-baħar u avjarji matul il-medda migratorja kollha tagħhom. Huwa trattat intergovernattiv, konkluż taħt il-patroċinju tal-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent, li jittratta l-konservazzjoni tal-ħajja selvaġġa u l-habitats fuq skala dinjija. L-Unjoni Ewropea ilha Parti mis-CMS mill-1 ta' Novembru 1983¹.
2. L-ispeċijiet migratorji li għandhom jiġu kkonservati huma elenkati fl-Appendiċi I (speċijiet fil-periklu li jinqerdu) u II (speċijiet li għandhom ikunu s-suġġetti ta' ftehimiet) tal-Konvenzjoni.
3. Il-Konferenza tal-Partijiet (Conference of the Parties) korp tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Konvenzjoni u għandha s-setgħat li tivvaluta l-istat ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet migratorji u, sussegwentement, li temenda l-Appendiċi I u II tal-Konvenzjoni.
4. F'konformità mal-Artikolu XI tal-Konvenzjoni, kwalunkwe Parti tista' tressaq proposti għal emenda. Emenda tal-Appendiċi tidħol fis-seħħ għall-Partijiet kollha disgħin jum wara l-laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet li fiha tiġi adottata, ħliet għal dawk il-Partijiet li jagħmlu xi riżerva.
5. Il-ħdax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet fil-Konvenzjoni se ssir fi Quito (l-Ekwador) mill-4 sad-9 ta' Novembru 2014. Għal din il-laqgħa, qed jiġi propost li l-Unjoni tagħmel proposti biex temenda l-Appendiċi I tal-Konvenzjoni biex iżżid il-protezzjoni tal-ispeċi ta' baleni tas-subpopolazzjoni Mediterranea *Ziphius cavirostris* u l-speċi ta' għasafar *Coracias garrulus*, matul il-medda migratorja kollha tagħhom, inkluż barra mill-Unjoni Ewropea, abbażi tal-kunsiderazzjonijiet li ġejjin: (1) l-inklużjoni ta' dawn l-ispeċijiet hija xjentifikament soda; (2) din l-inklużjoni hija konsistenti mal-leġiżlazzjoni tal-UE; u (3) l-Unjoni hija impenjata f'kooperazzjoni internazzjonali għall-protezzjoni tal-bijodiversità. Dawn il-proposti ma jeħtieġu l-ebda bidla fil-liġi tal-Unjoni, minħabba li jikkonċernaw speċijiet li diġà jibbenefikaw minn protezzjoni xierqa mil-liġi tal-Unjoni, inklużi d-Direttivi dwar l-Għasafar² u dwar il-Habitats.³
6. Għal din il-laqgħa, qed jiġi wkoll propost li l-Unjoni tagħmel proposti biex temenda l-Appendiċi II tal-Konvenzjoni biex iżżid il-protezzjoni ta' tliet speċijiet ta' pixxivolpi, jiġifieri l-*Alopias superciliosus*, l-*Alopias vulpinus* u l-*Alopias pelagicus*, matul il-medda migratorja kollha tagħhom, inkluż barra mill-Unjoni Ewropea, abbażi tal-kunsiderazzjonijiet li ġejjin: (1) l-inklużjoni ta' dawn l-ispeċijiet hija xjentifikament soda; (2) din l-inklużjoni hija konsistenti mal-leġiżlazzjoni tal-UE u (3) l-Unjoni hija impenjata f'kooperazzjoni internazzjonali għall-protezzjoni tal-bijodiversità. Mingħajr ma teħtieġ l-ebda bidla fil-liġi tal-Unjoni, il-proposta tipprovd i appoġġ addizzjonali għall-introduzzjoni ta' ġestjoni kollaborattiva ta' dawn l-ispeċijiet permezz tas-CMS innifsu u permezz tal-inklużjoni possibbli tal-ispeċi fil-Memorandum ta' Ftehim (MoU) tas-CMS globali dwar il-konservazzjoni tal-klieb il-baħar migratorji, li tagħha l-Unjoni hija Parti. Se tikkomplementa u tinkoraġġixxi wkoll sforzi aħjar għall-ġestjoni tas-sajd fi ħdan Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 82/461/KEE tal-24 ta' Ġunju 1982, li tirrigwarda l-konklużjoni tal-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni ta' l-ispeċje migratorji tal-annimali selvaġġi, ĠU L 210, 24.6.1982, p. 10.

² Id-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE tat-2 ta' April 1979 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi, ĠU L 103, 25.4.1979, p. 1.

³ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa, ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7.

7. Għalhekk huwa meħtieġ li l-Kunsill jiehū deċiżjoni bl-għan li tkun stabbilita l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata fisem l-Unjoni fil-kuntest tal-ħdax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet rigward il-proposti għal emenda;

8. Is-Segretarjat tal-Konvenzjoni, f'konformità mal-Artikolu XI (3), stabbilixxa d-data tas-6 ta' Ġunju 2014 bħala l-iskadenza għall-preżentazzjoni tal-proposti għal emenda.

9. Qabel il-ħdax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet, is-Segretarjat tal-Konvenzjoni jista' jikkomunika proposti li jkunu saru minn Partijiet oħrajn sabiex jiġu emendati l-Appendiċi I u II tal-Konvenzjoni, li jistgħu jirrikjedu wkoll deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tkun adottata fisem l-Unjoni rigward dawk il-proposti.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-proposti għal emendi tal-Appendiċi tal-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni tal-ispeċijiet migratorji ta' annimali selvaġġi fil-kuntest tal-ħdax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Bħala Parti mill-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni ta' speċijiet migratorji ta' annimali selvaġġi ("Il-Konvenzjoni") kif approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 82/461/KEE⁴, l-Unjoni tista' tipproponi emendi tal-Appendiċi tal-Konvenzjoni li jelenkaw l-ispeċijiet li għandhom ikunu kkonservati.
- (2) Il-Konferenza tal-Partijiet korp tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Konvenzjoni u għandha s-setgħat li tivvaluta l-istat ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet migratorji u, sussegwentement, li temenda l-Appendiċi I u II tal-Konvenzjoni.
- (3) Jidher li l-inklużjoni tal-ispeċijiet *Coracias garrulus* u s-subpopolazzjoni Mediterranea tal-ispeċi *Ziphius cavirostris* fl-Appendiċi I għandha bażi xjentifka soda f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u mal-impenn tal-Unjoni fil-kooperazzjoni internazzjonali għall-protezzjoni tal-bijodiversità.
- (4) Jidher li l-inklużjoni tal-ispeċijiet *Alopias superciliosus*, *Alopias vulpinus* u *Alopias pelagicus* fl-Appendiċi II għandha bażi xjentifka soda f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u mal-impenn tal-Unjoni fil-kooperazzjoni internazzjonali għall-protezzjoni tal-bijodiversità.
- (5) Fil-kuntest tal-ħdax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet li se ssir fi Quito (l-Ekwador) mill-4 sad-9 ta' Novembru 2014, l-Unjoni għandha tagħmel proposti biex temenda l-Appendiċi I biex iżżid l-ispeċi *Coracias garrulus* u s-subpopolazzjoni Mediterranea tal-ispeċi *Ziphius cavirostris*, u temenda l-Appendiċi II biex iżżid l-ispeċijiet *Alopias superciliosus*, *Alopias vulpinus* u *Alopias pelagicus*.
- (6) Dawn il-proposti se jkunu kkomunikati lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni,

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 82/461/KEE tal-24 ta' Ġunju 1982, li tirrigwarda l-konklużjoni tal-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni tal-ispeċje migratorji tal-annimali selvaġġi, (ĠU L 210, 24.6.1982, p. 10).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu Waħdieni

Fil-kuntest tal-ħdax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni tal-ispeċijiet migratorji tal-annimali selvaġġi, il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata biex tissottometti, f'isem l-Unjoni Ewropea, proposta għal emenda tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni ta' speċijiet migratorji ta' annimali selvaġġi sabiex jinkludi l-ispeċijiet *Coracias garrulus* u s-subpopolazzjoni Mediterranea tal-ispeċi *Ziphius cavirostris* u proposta għal emenda tal-Appendiċi II tal-Konvenzjoni sabiex jinkludi l-ispeċijiet *Alopias superciliosus*, *Alopias vulpinus* u *Alopias pelagicus*.

Il-Kummissjoni għandha tikkomunika dawn il-proposti lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*